**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 394/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**-vs-**

**Andre Spiteri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 150501L**

**Illum:** 2 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Andre` Spiteri u cioe` talli:

Nhar il-31 ta' Diċembru, 2019, għall-ħabta tas-23:30hrs u ħinijiet qabel fejn Surfside, Triq it-Torri, Sliema:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nikolai Zammit hekk kif ċertifikat minn Dr. Eyitayo Awofeko MD Reġ No. 3887 Sptar St. James (Art.216 Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Talli volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied (Art. 338 Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

a. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 383, 384, 385, 412C, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'kellux oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

B'mod preliminari l-Qorti ser tittratta l-punt solevat mill-abbli difiza tal-imputat u cioe` li d-data migjuba fl-akkuza hi wahda zbaljata.

Il-Qorti rat li l-imputazzjoni odjerna iggib id-data tal-31 ta' Dicembru, 2019.

Issa l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti b'citazzjoni datata Lulju, 2019 u ghalhekk qatt ma seta' jkun li l-imputat jigi b'imputat b'reat li ghad kellu jitwettaq.

Mhemmx dubbju li l-provi jindikaw li l-ghemil addebitat lill-imputat twettaq f'lejliet l-Ewwel tas-Sena tal-2018 u mhux tal-2019.

Ghaldaqstant abbazi tal-motivi hawn fuq migjuba, l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn kwalunkwe htija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**MAGISTRAT**

[1] Fol.33